# QORTI   TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta’ nhar it-Tnejn, 23 ta’ Novembru, 2020.**

**Numru 24**

**Rikors numru 482/2006 LSO**

**Christian Satariano**

**v.**

**Soċjeta` tad-Duttrina Nisranija M.U.S.E.U.M. (Sezzjoni tan-Nisa)**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-attur (minn issa ’l hemm imsejjaħ “l-appellant”) minn sentenza mogħtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta’ Mejju, 2015 (minn issa ’l hemm imsejħa “s-sentenza appellata”) fil-kawża fl-ismijiet premessi li biha, u għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti laqgħet uħud mill-eċċezzjonijiet imqajma mis-soċjeta` intimata u ċaħdet it-talbiet attriċi biex tordna l-eżekuzzjoni tal-att tal-konvenju li sar bejn il-

partijiet fis-27 ta’ Ottubru, 2005, dwar il-bejgħ ta’ sehem ta’ nofs ($^1/_2$) mhux maqsum tal-utli dominju li jagħlaq tal-fond li jinsab f’numru tnejn u erbgħin (42), Triq San Trofimu, Sliema u biex l-istess soċjeta` tgħaddi biex tagħmel id-denunzja relattiva għall-wirt li bis-saħħa tiegħu kisbet l-imsemmi fond;

2. Biex waslet għal dik id-deċiżjoni, l-ewwel Qorti għamlet il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

> “*Din il-kawza tikkoncerna weghda ta’ bejgh tas-27 ta’ Ottubru 2005, li permezz taghha, il-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici, f’isem u ghan-nom tas-socjeta’ tad-Duttrina Nisranija MUSEUM (Sezzjoni tan-Nisa) dahal f’obbligazzjoni ma’ Christian Satariano, fir-rigward il-bejgh ta’ nofs (1/2) indiviz tal-utile dominium temporanju tad-dar numru 42, Triq San Trophimus, Sliema, suggett ghac-cens annwu u temporanju ta’ Lm 0.86c sas-sena 2035.*
>
> *“Permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrent qed jitlob li s-socjeta' konvenuta tersaq ghall-bejgh tas-sehem taghha mill-proprjeta' fuq deskritta skont il-konvenju imsemmi.*
>
> *“Is-socjeta' Intimata opponiet ghat-talbiet attrici billi ressqet diversi eccezzjonijiet, cioe': - li l-attur m'ghandux interess guiridiku f'din il-kawza; li l-azzjoni odjerna hija insostenibbli billi l-iskrittura privata in mertu hija nulla u bla ebda effett legali billi min deher ghaliha fuq l-att tal-konvenju ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni biex jirrapprezentaha u jiffirma ghaliha; li t-trasferiment jirrikjedi l-awtorizzazzjoni mis-Santa Sede kif ukoll tal-Monsinjur Arcisqof, liema awtorizzazzjoni ma gietx ottjenuta f'dan il-kaz; kif ukoll li l-fatti mhumiex minnhom.*
>
> *“**<u>Fatti</u>***
>
> *“Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma, fil-qosor, is-segwenti.*
>
> *“Giuseppa Gatt mietet fl-4 ta' Frar 1989 u bl-ahhar testment taghha in atti tan-Nutar Dottor Francis Micallef halliet b'eredi universali u proprjetarji ta' gidha in assolut lid-Dar tal-Hanin Samaritan Socjeta' tal-Museum Fergha Femminili. Din l-eredita' inkludiet is-sehem ta' nofs (1/2) indiviz mid-dar 42 fi Triq San Trophimus Sliema.*

*"Giuseppa Gatt kienet iz-zija tan-nannu tar-rikorrent. Ir-rikorrent akkwista l-ishma rimanenti minn tal-familja u dahal f'negozjati biex jakkwista s-sehem trasmess lis-socjeta' intimata causa mortis. Fis-7 ta' Marzu 2001 ommu, Doris Satariano, ghan-nom tieghu, iffirmat konvenju mal-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici li deher ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta' intimata. Dan il-konvenju waqa'. Eventwalment iffirmaw konvenju iehor fis-27 ta' Ottubru 2005. Kellha ssir d-denunzja tas-successjoni tat-testatrici mis-socjeta' intimata. Madanakollu is-Socjeta' intimata baqghet ma ressqitx ghall-kuntratt finali.*

*"**<u>Il-Konvenju</u>***

*"Ir-rikorrent esebixxa kopja tal-konvenju datata nhar is-27 ta' Ottubru 2005*[1] *fejn hemm dikjarat "Of the first part, hereinafter referred to also as 'the vendors',* **Legal Procurator Mario Mifsud Bonnici***..who is appearing hereon in the name and on behalf of the 'Society of Christian Doctrine (Museum), Female Section', hereinafter referred to also as 'the vendor'.*

*"Il-konvenju kien validu sa sitt xhur mid-data tieghu jew xaharejn minn meta il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jawtorizza l-pubblikazzjoni marbut mas-successjoni ta' Giuseppa Gatt.*

*"L-ittra ufficjali giet ippresentata fit-18 ta' April 2006 (***Dok.B***) u hu pacifiku bejn il-partijiet li l-ittra saret fit-terminu stabbilit mill-ligi***.**

*"**<u>Dokumenti Esebiti mis-Socjeta' Nisranija M.U.S.E.U.M.</u>***

*"B'Statutum, tas-6 ta' Lulju 1988 mahrug mill-Vatikan u iffirmat mill-Eccellenza Tieghu il-Kardinal Agostino Casaroli gie decretat li "ogni atto di amministrazione straordinaria concernente i beni immobili di tutti gli Enti ecclesiastici e di tutti gli Istituti religiosi e secolari e le Societa' di vita apostolica deve ottenere 'ad validitatem' l'approvazione previa dei competenti Uffici della Santa Sede." Dan id-Digriet japplika ghall-entitajiet ekklezjastici f'Malta. (***Dok.MUS1)**[2]*.*

*"B'Digriet precedenti tat-3 ta' Lulju 1983 l-Eccellenza Tieghu l-Arcisqof ta' Malta ordna li minn dik id-data l-amministrazzjoni kollha tal-enti djocesani jghaddu f'idejh u minn dik id-data hadd ma huwa awtorizzat jiehu jew jaghmel ebda pass in konnessjoni mal-beni tal-Knisja (***MUS2).**[3] *Il-mira ta' din il-mizura kienet biex tottjeni c-centralizzazzjoni ta' l-amministrazzjoni tal-beni ekklesjastici.*

*"Skont ir-***Regola 9.1.tal-Istatut tas-Societas Doctrinae Christianae,** *(is-Socjeta' tad-Duttrina Nisranija maghrufa bl-isem ta' M.U.S.E.U.M.):*

---

[1] **Dok.A** a fol. 6 *et sequitur.*
[2] Fol.33.
[3] Fol.34.

*"Is-Socjeta` kollha hija mmexxija mis-Superjura Generali u l-Korp Ezekuttiv Generali."*

*"Skont ir-**Regola 9.3:** "Is-Socjeta' ghandha personalita' legali u giuridika distinta...Ir-rapprezentanza giuridika u legali tigi ezercitata minn zewg membri tal-Kunsill Privat, jew minn persuna jew persuni ohra kif awtorizzati mill-Korp Ezekuttiv Generali." (Statut **Dok.MUS3**).*[4]

\- Omissis -

*"**<u>L-Eccezzjonijiet Sollevati.</u>***

*"**<u>L-Ewwel Eccezzjoni</u>***

*"**Illi, l-attur ma ghandux l-interess guridiku necessarju sabiex jaghmel it-talbiet attrici stante li l-eccipjenti li ma dahlet fl-ebda kuntratt jew obbligazzjoni lejh."***

*"Il-kuncett tal-interess giuridiku hu mibni fuq l-utilita' finali tal-azzjoni ghal min qed jipproponi l-azzjoni.*

*"Illi kif intqal fis-sentenza "**J Muscat et vs R Buttigieg et**" (27 ta' Marzu 1990 – Vol LXXIV.iii.481):*

*"L-interess irid ikun a) guridiku, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta' l-ezistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tieghu: b) dirett u personali: fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, hlief fl-azzjoni popolari; c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f'kondizzjoni posittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur."*

*"Gie ritenut ukoll izda li minbarra dawn l-elementi, biex wiehed ikollu interess li jiftah kawza, dak l-interess (jew ahjar, il-motiv) tat-talba ghandu jkun "konkret u jezisti fil-konfront ta' dak li kontra tieghu t-talba ssir".*[5]

*"Dan l-ahhar kuncett gie spjegat aktar fis-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et** deciza fil-5 t'Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet li:*

*"Biex jigi stabilit jekk parti in kawza kinetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima*

[4] Fol. 36.

[5] Ara, per ezempju, sentenza ta' din il-Qorti (PASP) moghtija fit-13 ta' Marzu 1992, fil-kawza fl-ismijiet "**Francis Tonna v. Vincent Grixti**", (Kollezz. Vol LXXV1.iii.592) li jiccita **Brockdorrf v Pace Balzan -Vol.XVII.P.III p.**15.

*facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skont l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti. Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.'*

*"Fil-kaz odjern, l-attur, bhala l-akkwirent prospettiv fuq il-konvenju, indubbjament ghandu interess biex jressaq il-kawza odjerna li hija mmirata lejn l-iffirmar ta' kuntratt ta' bejgh finali. Izda mill-apprezzament tal-fatti f'dan il-kaz, kif ser jigi spjegat iktar 'il quddiem, din il-Qorti ma tistax tikkonkludi li hemm obbligazzjoni vinkolanti mas-Socjeta' intimata.*

*"Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi milqugha bhala giuridikament u fattwalment fondata .*

*"**<u>It-Tieni Eccezzjoni</u>***

***"L-azzjoni attrici hija insostenibbli, billi bbazata fuq skrittura privata tas-27 ta' Ottubru 2005 illi hija nulla u bla ebda effett legali, u certament ma hijiex vinkolanti fil-konfront tas-socjeta' konvenuta, billi din l-iskrittura giet iffirmata suppozitament f'isem is-socjeta' konvenuta, minn persuna li ma kinetx debitament awtorizzata ghal dan l-iskop."***

*"Ir-rikorrent jargumenta li n-nullita' tal-weghda tal-bejgh ma setghetx tingieb per via d'eccezzione u jiccita giurisprudenza li tiddistingwi bejn att li hu null 'ab initio' u att li hu annullabbli (**Beacon Light Limited v CMK Investments Limited** -9 ta' Ottubru 2014; **Marianne Bugeja v Natalie Mifsud** -16 ta' Ottubru 2002; **Dr. Alex Perici Calascione v George Rizzo** -27 ta' Gunju 2002; **Col. John L. Francica noe. v Francesco Vassallo pro et noe**. -30 ta` Gunju, 1930, Vol XXVII Vol. II pt II, pg 262).*

*"Fil-kaz fl-ismijiet* ***Av.Dr.Hugh Peralta noe. v Credinvest International Corporate Finance Ltd. -****(PA JA -30 ta' Jannar 2004) il-Qorti irribadiet li:*

*"Dwar il-kwistjoni jekk nullita` ta` kuntratt tistax tigi sollevata per via di eccezzjoni jew le, hemm consensus fis-sentenzi li per ezempju meta n-nullita tkun ope legis l-eccezzjoni tista tinghata.* ***L-artiklu 1226 tal-Kodici Civili*** *jipprovdi illi: "L-eccezzjoni tan-nullita' tista f' kull zmien tigi moghtija minn dak li jkun imharrek ghall esekuzzoni tal-kuntratt fil-kazijiet li fihom hu inniffsu seta' jagixxi ghar-rexissjoni."*

*"Kif gia inghad xi sentenzi jiddistingwu bejn nullita' u annullabilita' u din id-distinzjoni jaghmluha l-awturi taljani. Din id-distinzjoni ghal hafna zmien giet segwita mill-Qrati taghna bhala gustifikazzjoni ghar-regola li meta n-nullita' ma tkunx espressament dikjarata mill-ligi izda tirrizulta biss wara esami serju tal-kaz allura tali kuntratt jista jigi annullat biss mill-Qorti permezz ta' azzjoni.*

*"Hemm pero` gurisprudenza li ssostni li l-ligi taghna ma taghmel ebda distinzjoni tidher li hija sostanzjalment korretta fil-kuntest ta' ammissibilita' ad hoc anke jekk kif fuq accennat il-ligi tipprovdi f'certi kazi ghan nullita' relattiva ta' obligazzjoni. Relattiva fis-sens li tista tigi sollevata biss minn persuna li l-ligi trid espressament tipprotegi."*

*"Ikkunsidrata l-materja b'dan il-mod jidher li l-legislatur ghazel li jiddetermina liema kazijiet kien permess li tinghata l-eccezzjoni ta' nullita' u dana lil hinn mill-konsiderazzjoni ta' kuncetti pjuttost astratti. Eccezzjoni ta' nullita' li allura teskludi l-htiega ta' azzjoni ta' dikjarazzjoni ta' nullita' liema rimedju jibqa dejjem miftuh lill-parti interessata fejn ic-cirkostanzi hekk jiggustifikaw."*

*"Hawnhekk giet abbraccjata it-teorija li una volta li l-konvenut jista' jagixxi ghan-nullita', tali eccezzjoni tista' tinghata u ghalhekk hija ammissibbli. Ghalhekk, il-Qorti sostniet li eccezzjoni li kuntratt kien null ghax kien iffirmat minn persuna mhux awtorizzata kienet ammissibbli.*

*"Ikkonsidrat li l-kaz odjern ma jikkoncernax vizzju ta' kunsens, ad ezempju, minhabba dolo jew viz, imma kunsens li ma inghatax mis-Socjeta' Museum. Kif jghid l-awtur* ***Torrente***[6] *"Percio' il negozio compiuto da chi ha agito come rappresentante senza averne il potere (difetto di potere) o eccedendo i limiti delle facolta' conferitegli (concesso di potere) non produce alcun effetto nella sfera giuridica dell'interessato. Il negozio e' percio "inefficace". (Sottolinear ta' din il-Qorti).*

[6] *Manuale de Diritto Privato* (9 ed.) Cap.130,p.223 et.seq.

*"L-istess awtur ikompli:*

*"Infatti esso non puo' dirsi nullo, perche la nullita' opera in maniera definitiva ed, invece, secondo l'art.1399, (Cod.Civ.It.) l'interessato puo' ratificare (con effetti retroattivi) il negozio stipulato per lui dal c.d. 'falsus procurator'; e nemmeno annullabile, perche' prima della ratifica il negozio concluso senza rappresentanza o eccedendo dai poteri conferiti al rappresentante non produce effetti per l'interessato."*

*"Jghid ukoll li "Se l'interessato non ritiene di dover ratificare il negozio, e' chiaro che nessun negozio puo' ritenersi validamente concluso, non con l'interessato, perche' il rappresentante non ne aveva il potere; e nemmeno con chi ha affermato di essere rappresentante senza esserlo, perche' il terzo non voleva affatto contrattare con lui."*

*"Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti hi tal-fehma li din l-eccezzjoni ghandha tigi milqugha in kwantu l-intimata qed teccepixxi li ftehim mhuwiex vinkolanti fil-konfront taghha.*

*"**It-Tielet Eccezzjoni***

***"Is-socjeta' eccipjenti m'awtorizzat lil hadd biex jidher ghan-nom taghha u jittrasferixxi l-utile dominju temporanju imsemmi fir-Rikors Guramentat u ghalhekk kwalsiasi obbligu li seta' assuma l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici assumih fil-vesti tieghu proprio u mhux in rapprezentanza tal-eccipjenti u ghalhekk tali ma huwa bl-ebda mod vinkolanti fuq l-eccipjenti."***

*"**Mandat***

*"Ta' rilevanza huma s-segwenti Artikoli li johorgu mill-Kodici Civili:*

*"**Artikolu 1856** tal-Kodici Civili jistipula li l-mandat, jew il-prokura, hu kuntratt li bih persuna tagħti lil persuna oħra s-setgħa li tagħmel xi ħaġa għaliha.*

*"**Artikolu 1857 : "**(2) Bla ħsara ta' kull disposizzjoni speċjali oħra tal-liġi, il-mandat jista' jingħata b'att pubbliku, b'kitba privata, b'ittra, jew bil-fomm, jew ukoll taċitament."*

*"**Artikolu 1863."**(2) Is-setgħa sabiex isiru trasferimenti ta' beni, minbarra dawk it-trasferimenti li jaqgħu fil-limiti tal-amministrazzjoni, jew sabiex isiru ipoteki fuq beni jew sabiex isiru atti oħra ta' proprjetà, għandha tkun espressa."*

*"Hu assodat li min jallega l-esistenza ta' mandat irid jippruvah. (**Vincent Attard v Raffaele Farrugia –** PA (per.On Imh.Alberto Magri) dec. fid-9 ta' Frar, 1956 -Vol.XL-II.739; **Debono v Pugliesevich -** Q. Kumm. - 9 ta' April, 1976; **Farrugia v Von Brockdorff -** PA - 5 ta' Frar 1971).*

*"Huwa minnu li mandat, biex ikun validu, jista' jinghata verbalment anke meta l-mandat jinghata ghall-iskop ta' xiri (jew bejgh) ta' immobbli. Dan hu s-sens tal-artiklu **1857(2) tal-Kodici Civili ta' Malta**. Il-Qrati taghna ghalhekk ippermettew prova tal-ezistenza tal-mandat b'testimonjanzi (**Saverio Galea v Paolo Gauci noe -Vol.XXVIII-I-60;** u **Richard Rizzo Bamber noe v Giuseppina Rizzo noe.et** -PA -11 ta' Jannar 1980).*

*"F'din l-ahhar sentenza, l-Qorti wara li ccitat it-test tal-**artiklu 1863 tal-Kap.16,** ikkonkludiet li l-**artiklu 1863(2)** ifisser li l-mandat f'kaz ta' bejgh ma jistax jinghata validament hlief b'mod espress ghalkemm ma hemmx bzonn li jsir bil-miktub.*

*"Illi l-ezistenza tal-mandat irid jigi ppruvat sal-grad rikjest bil-Ligi, u li dan il-mandat inghata espressament.*

*"Fil-kaz fl-ismijiet **Romeo Fleri v Nutar Francis Xavier Dingli (**Q.A. tas-17 ta' Mejju 1963) il-Qorti irriteniet li huwa minnu li l-mandat jista' jinghata tacitament izda "element essenzjali tal-mandat tacitu hi x-xjenza u il-konsapevolezza tas-suespost mandat li affari li jinteressah gie intrapriz minn haddiehor..." Dan jghodd ukoll ghall-estensjoni ta' mandat.*

*"Fil-kaz in ezami, il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrent ma ippruvax l-ezistenza ta' mandat li awtorizza lill-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici sabiex jidher ghan-nom tas-Socjeta' Intimata fuq it-tieni konvenju**.***

*"Tibda biex tippreciza fuq dan il-punt li ma rriskontrat l-ebda 'mala fede' fir-rikorrent. Anzi jidher li l-kwistjoni kienet ilha sejra ghal snin twal minhabba nuqqasijiet u inkorrettezzi fid-dettalji moghtija lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-iskop tad-denunzja causa mortis, u fl-accertament tal-kwota ereditarja mill-fond f'Tas-Sliema. Tul dan il-perjodu, il-Prokuratur Legali baqa' jidher ghan-nom tas-Socjeta' intimata ma' omm ir-rikorrent, u jithabat sabiex jipprova jottjeni anke ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa kif ukoll il-korrezzjonijiet mehtiega. Madanakollu, la n-Nutar Mario Rosario Bonello, u lanqas l-istess PL Mifsud Bonnici ma kkonfermaw b'mod car u inekwivoku li l-Prokuratur Legali kellu l-awtorizzazzjoni biex jidher fuq it-tieni konvenju mill-Intimata. Bejn l-ewwel u t-tieni konvenju ghaddew erba' snin u f'dan il-perjodu inbiddlu wkoll ir-rapprezentanti tas-Socjeta' intimata. Dawn iz-zewg xhieda identifikaw lill-Hilda Chircop u lil Dolores Farrugia, li kienu presenti ghall-iffirmar tal-ewwel konvenju, izda ebda wiehed minnhom ma semma' lill-Phyllis Falzon li hija s-Superjura Generali u ilha tokkupa din il-kariga minn April 1999 u ma jirrizultax li kien hemm rapprezentanti tal-Intimata ghall-iffirmar tat-tieni konvenju.*

*"Difatti minn qari tax-xhieda* ***tan-Nutar Mario Rosario Bonello*** *ghalkemm ikkonferma li prokura kienet wahda verbali, u li membri tas-Socjeta' intimata kienu prezenti waqt l-iffirmar tal-ewwel konvenju, l-istess xhieda tieghu ma jwassalx ghall-konferma jew prova tal-mandat b'riferenza ghat-tieni konvenju.*

*"Illi l-fatt li n-Nutar kien iqies li t-tieni konvenju kien kontinwazzjoni tal-ewwel konvenju mhuwiex fih innifsu bizzejjed biex jinduci lil din il-Qorti li taccetta li l-mandat li kien inghata fuq l-ewwel konvenju baqa' vigenti ghall-finijiet tat-tieni konvenju, fejn il-kwota u l-prezz kienu differenti apparti t-trapass taz-zmien.*

*"L-ewwel konvenju huwa inezistenti ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u din il-Qorti tikkonsidra li kien jenhtieg mandat gdid moghti espressament ghar-rapprezentanza fuq it-tieni konvenju specjalment meta wiehed iqis li a) l-att kien wiehed ta' bejgh ta' sehem minn immobbli u b)  min kien qed ibiegh ma kienx persuna fizika, imma Socjeta' organizzata taht l-Istatut taghha u soggetta ghar-regoli kemm interni kif ukoll esterni qua entita' religjuza.*

*"Milli jidher il-Prokuratur Legali mexa bl-impressjoni li kellu l-amministrazzjoni ta' din il-proprjeta' f'idejh filwaqt in-Nutar qaghad fuq il-kelma tieghu:  "Nghid li l-PL Mifsud Bonnici fil-2005 ovvjament kien qalli li ghadu qed jirraprezenta l-MUSEUM."*[7]

*"Dan jikkombacja max-xhieda ta'* ***Doris Satariano*** *li filwaqt li affermat li kellha negozjati mal-PL Mifsud Bonnici u ma' Hilda Chircop, ma ssemmi xejn dwar ir-rapprezentanza tas-Socjeta' ai fini tat-tieni konvenju u dwar xi konferma tal-allegat mandat minn Phyllis Falzon. Hi ukoll qaghdet fuq dak li qalilha il-Prokuratur Legali. Hi xehdet inoltre li inkarigat lill-PL Quentin Tanti li qalilha li tkellem ma' Phyllis Falzon. Izda dan ma giex prodott bhala xhud u ghalhekk din l-istqarrija da parti ta' Doris Satariano m'ghandha l-ebda valur probatorju.*

*"Illi dan jikkontrasta ghal kollox max-xhieda dettaljata ta'* ***Phyllis Falzon,*** *is-Superjura Generali li uriet li kienet ben konsapevoli tal-formalitajiet kollha rikjesti minnha qabel ma jsir trasferiment ta' proprjeta'. Fid-dawl tax-xhieda taghha, mhix verosimili t-tezi tar-rikorrent li inghata mandat b'mod daqshekk informali lill-PL Mifsud Bonnici. Hi qalet "Kemm ili nokkupa l-kariga ta' Superjura Generali jien qatt ma nnegozjajt il-bejgh ta' din il-proprjeta' u wisq inqas awtorizzajt lil xi terza persuna biex jinnegozja ghan-nom tal-Muzew...Dan il-konvenju (tas-sena 2005) sar minghajr ma intalbet l-approvazzjoni tieghi...Bhala socjeta' tal-M.U.S.E.U.M. (Sezzjoni Nisa) meta jkun hemm bzonn li jsir xi konvenju jew kuntratt ta' bejgh nidher jiena u membru tal-Kunsill biex niffirmaw. Ikun hemm ukoll prezenti l-Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof (jew rapprezentant iehor mill-Kurja) li tiffirma*

[7] Xhieda a fol. 79 tal-process.

*wkoll. Ma kull ftehim li nkunu ser niffirmaw fuq trasferiment jew akkwist ta' proprjeta' johrog digriet ta' awtorizzazzjoni mill-Kurja biex nidhru fuq il-konvenju u wara fuq il-kuntratt u niffirmaw."*

*"Hi ddeskriviet minuzjozament il-process li jwassal ghall-approvazzjoni tal-bejgh ta' proprjeta' mill-Kunsill taghhom li f'dan il-kaz ma kien hemm xejn. Fl-ahhar xehdet "Dan il-konvenju qatt ma rajtu qabel illum. Nikkonferma li jien qatt ma ltqajt man-Nutar Dottor Bonello u lanqas qatt kont prezenti ghall-iffirmar ta' konvenju dwar il-fond 42 St Trophimus St Sliema. Nerga' ntenni li jien qatt ma awtorizzajt lil hadd biex jiffirma konvenju ghan-nom tal-M.U.S.E.U.M. (Sezzjoni Nisa.) Dan kollu gie kkonfermat minn* ***Miriam Bartolo*** *li hija l-Ekonoma Generali tas-Socjeta' Intimata.*

*"**Ix-xhieda tal-PL Mifsud Bonnici** hija wkoll kontrastata minn Hilda Chircop, il-predecessur ta' Phyllis Falzon li xehdet in **kontro ezami** li d-diskors (mal-PL Mifsud Bonnici) kien sabiex issir id-denunzja u mhux biex jipprocedu ghall-bejgh. Hi wkoll kienet konsapevoli li sabiex tinbiegh proprjeta' kellha tghaddi mill-Kunsill privat u mill-Kunsill Ezekuttiv tas-Socjeta'. Xehdet "Jien ma kenitx tigini li nghid lil Mario biex jipprocedi peress li kont naf li kien hemm il-Ligi tal-Kurja li tghid li hemm bzonn il-permess tas-Santa Sede...Jekk lil Mario Mifsud Bonnici qattx tajtu awtorita' biex ibiegh eredita' ta' Guza Gatt nghid li le, specjalment meta konna nafu l-ligi tal-Kurja kif inhi."[8] Fid-dawl tax-xhieda taghha, din il-Qorti tikkonkludi li lanqas inghata mandat lill-PL Mifsud Bonnici biex jidher fuq l-ewwel konvenju minghajr ma jkunu prezenti rapprezentanti mis-Socjeta` intimata, kif fil-fatt kienu prezenti.*

*"Il-Qorti fid-dawl tal-premess, qed **tilqa'** din l-eccezzjoni billi hija tal-fehma li r-rikorrent ma irnexxielux jipprova sal-grad rikjest mil-Ligi li s-Socjeta' intimata tat mandat lill-Prokuratur Mario Mifsud Bonnici sabiex jirraprezentaha fuq l-att tal-konvenju in mertu. Ghalhekk tqies li dan il-konvenju ma jivvinkolax lis-Socjeta' intimata.*

*"**<u>Ir-Raba' Eccezzjoni</u>***

***"Li l-obbligazzjonijiet imsemmija fit-trasferiment imsemmi jirrikjedu ad validatem il-permess tas-Santa Sede".***

*"Is-Socjeta' intimata issottomettiet li tali permess ma inghatax fir-rigward tal-konvenju kif lanqas ma inghata permess mill-Monsinjur Arcisqof. Dan il-permess hu rikjest ad validitatem.*

*"Bhala punt ta' fatt, il-htiega tal-permess tirrizulta li hija imposta bis-Statutum mahrug mis-Santa Seda kif ukoll mid-dekret tal-Monsinjur Arcisqof. Dawn iz-zewg dokumenti huma antecedenti ghaz-zewg konvenji. In-Nutar donnu ma kienx jaf bihom ghalkemm sar jaf zgur fis-sena 2006, wara l-pubblikazzjoni tat-tieni konvenju, kif jirrizulta mill-*

[8] Xhieda a fol.55 tal-process.

*ittra li kiteb lill-Ufficcju Kongunt* ***Dok. MR1*** *(fol.82, 83). Il-PL Mario Mifsud Bonnici ma jsemmi xejn dwar dan ghalkemm din il-Qorti qajla tista' taccetta li ma kienx jaf bil-htiega ta' tali awtorizzazzjoni meta hu stess jghid li kien jagixxi ghas-Socjeta` intimata f'diversi okkazzjonijiet.*

*"Ir-rikorrent jirribatti billi jghid li dawn huma proceduri interni u ma jirrizultaw mill-ebda Ligi u lanqas mill-konvenju li hu l-ligi bejn il-partijiet.*

*"Il-Qorti ma tistax tinjora li s-Socjeta' intimata hija entita' religjuza soggetta ghar-regoli u dekreti tal-Arcidijocesi ta' Malta u tas-Santa Sede. L-Istatutum jinnecessita' l-awtorizzazzjoni tas-Santa Sede bhala pre-rekwisit ad validitatem fejn jidhlu atti ta' amministrazzjoni straordinarja inkluzi it-trasferimenti ta' beni immobbli mis-Socjeta` favur terzi.*

*"Madanakollu s-Socjeta' intimata ghandha personalita' giuridika skont il-Ligi taghna u ghaldaqstant ghandha kapacita' legali li tidhol f'relazzjonijiet giuridici vinkolanti ma terzi. Taqbel mar-rikorrent li l-Istatutum u d-Dekret m'ghandhomx is-sahha tal-Ligi biex jorbtu lill-terzi diment li ma jigix ippruvat li t-terz huwa konsapevoli dwar il-htiega ta' din l-awtorizzazzjoni.*

*"Illi fil-kaz odjern din il-Qorti gja kkonkludiet li l-konvenju mhuwiex vinkolanti fil-konfront tas-Socjeta' intimata altrimenti, fil-fehma taghha, kien jispetta lis-Socjeta' sabiex taccerta li l-proceduri interni taghha jigu segwiti.*

*"Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi michuda.*

*"**<u>Il-Hames Eccezzjoni</u>***

***"Illi l-atti t'Amministrazzjoni Straordinarja jistghu jsiru mis-socjeta' eccipjenti biss jekk jigu approvati minn Monsinjur Arcisqof bhala Amministratur tal-Beni Ekklesjastici kollha f' Malta".***

*"Din l-eccezzjoni hija motivata bl-istess ragunijiet sollevati rispettivament ghar-raba' eccezzjoni u ghall-istess motivi qed tigi respinta.*

*"**<u>Is-Sitt Eccezzjoni</u>***

*"Permezz tas-sitt eccezzjon**i** s-Socjeta' intimata talbet li din il-Qorti tirrespingi t-talbiet attrici billi ser tipprezenta kawza ad hoc kontra l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici. Din l-eccezzjoni ma gietx trattata mill-Intimata fis-sottomissjonijiet taghha u lanqas tat informazzjoni ulterjuri dwar xi proceduri li setghu jigu intavolati.*

*"Ghalhekk din l-eccezzjoni ser tigi respinta.*

*“**Rapprezentanza Giuridika skont l-Istatut.***

*“Illi s-Socjeta' intimata ssollevat eccezzjoni ohra fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha u cioe` li l-Istatut tas-Socjeta' tvesti r-rapprezentanza giuridika skont kif stabbilit fir-Regola 9.3. tal-istess. Mill-atti jirrizulta li hi ma kenitx debitament rapprezentata fuq l-att tal-konvenju u ghalhekk ghandha tigi liberata ab observantia.*

*“Din l-eccezzjoni ma gietx sollevata fir-Risposta Guramentata u lanqas intalbet l-awtorizzazzjoni mehtiega sabiex tinghata ulterjorment. Ghaldaqstant il-Qorti tikkonsidraha bhala irritwali u mhix ser tiehu konjizzjoni taghha*”;

3. B’Rikors tal-Appell imressaq minnu fis-16 ta’ Ġunju, 2015, l-appellant qal li kien iħossu aggravat mis-sentenza appellata u, għar-raġunijiet li ta f’dak l-att, talab li din il-Qorti tħassarha u tirrevokaha fir-rigward tal-ewwel tliet eċċezzjonijiet, tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha mqajma mis-soċjeta` appellata u tgħaddi biex tilqa’ t-talbiet kollha tiegħu bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` appellata;

4. Minkejja li s-soċjeta` appellata laqgħet in-notifika tal-atti tal-appell f’Ġunju tal-2020, baqgħet ma ressqet l-ebda Tweġiba għall-appell tal-appellant;

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-appell waqt is-smigħ tal-20 ta’ Ottubru, 2020;

6. Rat l-atti kollha tal-kawża;

7. Rat li l-appell tħalla għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

8. Illi din kienet azzjoni biex tinforza l-eżekuzzjoni ta' wegħda ta' bejgħ magħmula f'att ta' konvenju skont l-Artikolu 1357(2) tal-Kodiċi Ċivili. L-azzjoni attriċi falliet għaliex instab li s-soċjeta` appellata ma kienet tat l-ebda mandat biex xiħadd jidher f'isimha fuq l-imsemmi konvenju u li dak l-att ma kienx jiswa;

9. Illi l-appellant iressaq l-**aggravju** tiegħu mis-sentenza appellata, sostanzjalment fuq it-tielet eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta` appellata. Huwa jgħid li s-sentenza appellata fiha "interpretazzjoni u applikazzjoni ħażina tal-liġi u kif ukoll apprezzament ħażin tal-fatti". Dan l-aggravju jorbtu mal-kwestjoni dwar jekk huwiex minnu jew le li s-soċjeta` appellata ma kinitx tat mandat lill-Prokuratur Legali Mifsud Bonniċi biex jidher għaliha fuq il-konvenju. Minħabba li l-ewwel Qorti sabet li l-appellant ma seħħlux jipprova sal-grad mitlub mil-liġi li s-soċjeta` appellata tassew kienet tat mandat bħal dak lill-imsemmi Prokuratur Legali, allura sabet li l-appellant ma setax jistrieħ fuq l-att tal-konvenju billi dak l-att ma kienx jiswa u ma kienx jorbot lis-soċjeta` appellata;

10. Illi l-argument tal-appellant jistrieħ fuq il-fatt li, fil-każ tas-sehem li hu ried jikseb mill-utli dominju temporanju tal-post mertu tal-każ, oriġinarjament kien sar att ta' konvenju ieħor fl-2001[9] li fuqu l-Prokuratur Legali Mifsud Bonniċi kien deher f'isem is-soċjeta` appellata. Dak il-konvenju kien waqa'. Il-konvenju mertu ta' din il-kawża kien sar f'Ottubru tal-2005[10] u, tista' tgħid, iġib kelma b'kelma dak li kien tniżżel fil-konvenju tal-2001. L-appellant jorbot dawn iċ-ċirkostanzi mal-fatt li l-istess Prokuratur Legali xehed li huwa kien deher fuq kuntratti oħrajn f'isem is-soċjeta` appellata[11]. Isemmi wkoll li l-proċess ta' negozjati għall-kisba tas-sehem mhux maqsum mill-utli dominju tal-post kien ilu s-snin għaddej bejn il-familja tal-appellant u s-soċjeta` appellata, li għaliha dejjem deher il-Prokuratur Legali Mifsud Bonniċi. Minn dan kollu, l-appellant jislet l-argument li s-soċjeta` appellata tabilħaqq kienet tat mandat lill-imsemmi Prokuratur Legali u li dan kien jgħodd ukoll għall-każ tal-konvenji dwar il-post mertu tal-kawża. Argument ieħor tiegħu huwa li, ladarba ntwera li l-Prokuratur Legali kellu mandat biex jidher għas-soċjeta` appellata f'każijiet oħra ta' trasferimenti, kien jaqa' fuq l-istess soċjeta` li turi li tali mandat dwar il-konvenju mertu tal-każ kienet temmitu, għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1886 tal-Kodiċi Ċivili. Mhux hekk biss, imma ukoll jekk, fl-agħar ipoteżi, is-soċjeta` appellata kienet ħassret dak il-mandat, huwa jgħid li deċiżjoni bħal dik ma kinitx tolqtu ħażin ladarba

[9] Ara Dok "CS1", f'paġġ. 21 – 2 tal-proċess
[10] Ara Dok "A", f'paġġ. 6 – 7 tal-proċess
[11] Xhieda tiegħu f'paġ. 63 tal-proċess

hu ma kellu l-ebda ħjiel li l-Prokuratur Legali ma kellux aktar l-ebda setgħa jidher f'isimha fuq il-konvenju[12];

11. Illi l-Qorti tqis li l-aggravju tal-appellanti jolqot fil-biċċa l-kbira tiegħu l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-ewwel Qorti. Dan jingħad b'mod partikolari għar-rigward ta' dawk iċ-ċirkostanzi fejn jidħol is-sehem u t-tifsira tal-għemil tal-Prokuratur Legali Mifsud Bonniċi f'din il-ġrajja kollha. L-aspett tal-applikazzjoni legali jidħol fil-kwestjoni dwar jekk il-konvenju li l-appellant talab l-eżekuzzjoni tiegħu f'din il-kawża huwiex att ieħor ġdid jew jekk huwiex estensjoni tal-att ta' konvenju li kien sar fl-2001;

12. Illi għal dak li jirrigwarda l-aspett tal-apprezzament tal-fatti magħmul mill-ewwel Qorti, din il-Qorti tenniet għadd ta' drabi li fl-istadju ta' appell ta' kawża, xogħolha m'huwiex dak li tibdel l-apprezzament tagħha tal-fatti ma' dak magħmul mill-ewwel Qorti, iżda li tara jekk l-apprezzament magħmul mill-ewwel Qorti huwiex wieħed li, fid-dawl tal-provi mressqa fl-atti u fit-tħaddim xieraq tal-liġi, setax raġjonevolment isir minnha. Dan kollu, madankollu, bil-preċiżazzjoni li: "*il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun*

[12] Art. 1888 tal-Kap 16

*semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti*"[13];

13. Illi fil-qafas ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti ssib li l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-ewwel Qorti kien kemm wieħed raġonevoli u kif ukoll sorrett mill-ġabra ta' provi u xhieda mressqa. Għall-kuntrarju, issib li l-argumenti mressqa mill-appellant dwar l-istess fatti ma jwasslux għall-konvinċiment probatorju mistenni minn qorti f'kawża bħal din. Fi kliem ieħor, din il-Qorti, wara li fliet b'reqqa l-atti kollha tal-proċess, issib li l-ġabra ta' xhieda u provi jwassluha biex aktar toqgħod fuq il-verżjoni tan-nuqqas ta' mandat espress meħtieġ[14] milli fil-konferma ta' l-eżistenza ta' mandat bħal dak. F'dan ir-rigward, issib li l-apprezzament magħmul mill-ewwel Qorti kien dak xieraq fiċ-ċirkostanzi;

---

[13] App. Ċiv. **14.12.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Dott. Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et***

[14] Art. 1863(2) tal-Kap 16

14. Illi biex turi għaliex waslet għal din il-fehma, il-Qorti ssemmi, fost l-oħrajn, iċ-ċaħda mtennija ta' Phyllis Falzon (Superjura Ġenerali tas-soċjeta` fis-snin rilevanti) li hija qatt innegozjat il-bejgħ tal-post mirut jew li qatt tat mandat lil xiħadd biex jidher f'isem is-soċjeta` biex jittrasferixxi l-interessi tagħha lil terzi[15]; id-dikjarazzjoni tagħha li hija ma kinitx taf bl-ebda wieħed miż-żewġ konvenji (liema xhieda tennietha fil-kontro-eżami tagħha); il-mod approssimattiv li bih xehed in-Nutar li fassal il-konvenji, dwar il-mandat mogħti lill-Prokuratur Legali Mifsud Bonniċi[16] u li mill-2001 'il quddiem ma ltaqa' qatt ma' xi rappreżentant tal-istess soċjeta`[17]; ix-xhieda mogħtija minn Hilda Chircop (is-Superjura Ġenerali tas-soċjeta` appellata qabel Falzon) li fiha tagħmilha ċara li lill-Prokuratur Legali Mifsud Bonniċi kienet qabbditu jagħmel dak li hu meħtieġ biex isiru d-denunzji tas-suċċessjoni jew l-atti "*causa mortis*" dwar Giuseppa Gatt, it-testatriċi li ħalliet b'testment sehemha mill-post lis-soċjeta`, u mhux li qabbditu jidher f'isem is-soċjeta` appellata biex tittrasferixxi dak is-sehem[18]; u x-xhieda tal-Prokuratur Legali Mifsud Bonniċi nnifsu li fehem li kellu l-mandat għaliex, f'każijiet oħra, deher għas-soċjeta` appellata "anke biex xtraw postijiet u jagħmlu denunzji"[19];

15. Illi fil-fehma meqjusa tal-Qorti, dawn iċ-ċirkostanzi kollha jeskludu

[15] Affidavit tagħha f'paġġ. 128 – 130 tal-proċess
[16] Xhieda tan-Nutar Mario Rosario Bonello f'paġġ. 74 u 76 tal-proċess
[17] *Ibid.* f'paġ. 79 tal-proċess
[18] Xhieda tagħha f'paġġ. 54A u58 tal-proċess
[19] Xhieda tiegħu f'paġ. 63 tal-proċess

l-ħatra speċifika u espressa ta' mandatarju u, f'xi każijiet, jeskluduha għal kollox. Għalhekk, dan l-aggravju tal-appellant safejn jirrigwarda l-apprezzament tal-provi mill-ewwel Qorti ma jistħoqqlux jintlaqa';

16. Illi għal dak li jirrigwarda l-aggravju tal-appellant dwar l-aspett tat-tħaddim ħażin tal-prinċipji legali, din il-Qorti jidhrilha li jixraq tirrileva li s-sentenza appellata ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha ta-soċjeta` appellata marbuta mal-formalitajiet meħtieġa biex seta' jsir il-konvenju (ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet). Billi minn dik il-parti tas-sentenza ma sarx appell, wieħed irid jgħoddha bħala parti li saret ġudikat. Għalhekk, din il-Qorti se tqis biss il-kwestjoni tal-eżistenza tal-mandat u dik marbuta mal-effetti tal-konvenji;

17. Illi minħabba li f'dan il-każ hemm qbil li ma kienet saret l-ebda prokura bil-miktub, is-sehem tal-Prokuratur Legali Mifsud Bonniċi fuq l-atti tal-konvenju kien imsejjes fuq il-preżunzjoni tal-mandat bil-fomm. Il-liġi tagħraf mandat bħal dan. Madankollu, ladarba l-każ jirreferi għal trasferiment ta' ġid immobbli li jmur lil hinn minn atti ta' amministrazzjoni, dik il-ħatra trid tkun espressa. L-appellant jargumenta li dik il-ħatra kienet ingħatat żgur fl-okkażjoni tal-att tal-konvenju li kien sar fl-2001 għaliex kienet saret fil-preżenza ta' Hilda Chircop u ta' Dolores Farruġia. Huwa jżid jgħid li dak li sar f'Ottubru tal-2005 kien biss l-estensjoni tal-att ta' konvenju li sar fl-2001;

18. Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-att tal-konvenju li sar f'Ottubru tal-2005 ma jistax jitqies bħala "estensjoni" tal-att tal-konvenju li sar fl-2001. Dan qiegħed jingħad għaliex l-ewwel konvenju kien laħaq waqa' bla ma ġġedded u ma jistax ikun hemm estensjoni ta' xiħaġa li ma baqgħetx fis-seħħ. Fit-tieni lok, is-sehem tal-ġid imwiegħed li ssemma fl-att tal-konvenju tal-2005 kien akbar minn dak imsemmi f'dak tal-2001 (minkejja li l-prezz imsemmi baqa' l-istess). Fit-tielet lok, l-appellant innifsu jagħraf li l-att ta' konvenju li sar fl-2001 tilef l-effetti tiegħu u kien meħtieġ li jsir "konvenju ġdid"[20]. Fir-raba' lok, il-Qorti tosserva li jekk inhu minnu li Hilda Chircop kienet preżenti meta sar l-att ta' konvenju fl-2001, dan ma seta' qatt taha s-setgħa li tawtorizza lill-Prokuratur Legali Mifsud Bonniċi li jidher f'isem is-soċjeta` appellata dakinhar, ladarba hija kien ilha li temmet it-tmexxija tagħha bħala Superjur Ġenerali tat-taqsima tan-nisa tal-istess soċjeta sa mill-1999, jiġifieri sentejn qabel ma sar l-ewwel konvenju. Fil-ħames lok, ma tressqet l-ebda prova min-naħa tal-appellant li turi li s-Superjura Ġenerali li laħqet warajha (Phyllis Falzon) kienet intalbet jew imqar kienet tat il-kunsens tagħha li l-Prokuratur Legali jersaq fuq att ta' konvenju f'isem is-soċjeta` appellata u jorbotha f' wegħda bħal dik ma' omm l-appellant (li kienet qegħda tidher għalih). Fis-sitt lok, jidher li meta sar l-att tal-konvenju mertu ta' din il-kawża f'Ottubru tal-2005, il-Prokuratur Legali lanqas kien għadu wettaq il-ħatra li seta' kien ingħata

[20] Affidavit tiegħu f'paġ. 48 tal-proċess

biex jagħlaq il-proċedura meħtieġa ħalli ssir id-dikjarazzjoni "*causa mortis*" jew l-aġġustament tad-denunzja li kienet saret qabel u li din il-qagħda baqgħet tkarkar sa ma tressqet il-kawża tallum. Kemm hu hekk, it-tielet talba attriċi hija maħsuba sewwasew biex tordna lis-soċjeta` appellata tagħmel id-denunzja relattiva;

19. Illi dawn ir-riżultanzi proċesswali juru li, jekk kien hemm dubju dwar xi ħatra jew mandat fl-okkażjoni tal-ewwel att ta' konvenju, dan id-dubju jikber aktar fl-okkażjoni tat-tieni att ta' konvenju li huwa l-mertu tal-kawża tallum. Fi kliem ieħor, il-fehma li waslet għaliha l-ewwel Qorti hija waħda li timxi b'kawżali loġika maċ-ċirkostanzi u l-liġi li tgħodd għall-każ, u liema fehma kienet twassal biex jintlaqgħu l-eċċezzjonijiet preliminari tas-soċjeta` appellata dwar in-nuqqas ta' mandat fil-persuna tal-Prokuratur Legali biex jidher f'isimha fl-imsemmi att ta' konvenju;

20. Illi l-appellant jgħid ukoll li l-ewwel Qorti naqset li tagħraf li ma tressqet l-ebda prova li s-soċjeta` appellata kienet temmet il-mandat li tat lill-Prokuratur Legali Mifsud Bonniċi biex jidher f'isimha fuq l-att ta' trasferiment. Fil-fehma tal-Qorti, dan l-argument kien ikollu siwi li kieku l-appellant seħħlu jipprova li tassew li s-soċjeta` appellata kienet tat mandat bħal dak. Imma ladarba din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti qabilha, sabet li ma tressqitx prova tal-eżistenza ta' mandat bħal dak allegat, ma kien hemm l-ebda ħtieġa li tinġieb prova bħal dik. Jekk ma ntweriex li

ngħata mandat, ma kien hemm l-ebda ħtieġa li titressaq prova tat-tħassir ta' mandat li ma ngħatax;

21. Illi, minħabba f'hekk, lanqas l-aggravju dwar it-tħaddim ħażin mill-ewwel Qorti tal-aspetti legali tal-każ ma huwa mistħoqq u għalhekk mhux se jintlaqa';

**Decide:**

22. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell billi:

**Tiċħad l-appell** imressaq mill-attur mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Mejju, 2015, fil-kawża fl-ismijiet premessi u tikkonferma s-sentenza msemmija, bl-**ispejjeż** taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr